Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 315/2004

**Joseph Rosso ezercitanti l-kummerc taht l-isem Sealink MarineCentre**

**vs**

**Karl Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar 2004 illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm665.00) rapprezentanti import ta' kambjala li skadiet u maturat ghall-hlas fil-31 ta'Mejju 2003.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-11 ta' Dicembru 2003 u bl-imghax legali deduccibbli mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala u cioe mill-31 ta' Mejju 2003 sal-

pagametn effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------